Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) (GURISDIZZJONI SUPERJURI) (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2008

Citazzjoni Numru. 19/2008

A

Vs

B

Il-Qorti;

1. Permezz ta’ din il-kawza l-attrici qeghda titlob il-firda personali minn ma’ zewgha B. Jirrizulta li l-kontendenti zzewwgu fil-5 ta’ Dicembru 2001 u minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. L-attrici ssostni li B rrenda ruhu hati ta’ sevizzi, mohqrija u ngurji, u abbandun u li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabilment. L-attrici ddikjarat ukoll li giet awtorizzata sabiex tipprocedi ghall-firda personali permezz ta’ digriet moghti fit-13 ta’ Awwissu 2008. L-attrici talbet li l-qorti:-

a. Tiddikjara l-firda personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet fuq moghtija.
b. Tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-drittijiet tieghu kif kontemplati fl-Artikolu 48 tal-Kodici Civili.
c. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti.
d. Tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti u taqsam l-gid li jifforma parti mill-istess.
e. Tordna li l-attrici tirriverti u tiehu l-kunjom li kellha qabel izzewwget lill-konvenut, cjoe' C.

2. Mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie notifikat baqa' ma wegibx.

3. Hu evidenti li ghalkemm gie celebrat zwieg, din il-koppja qatt ma ghexet hajja ta' mizzewwgin. Dan hu kaz klassiku ta' zwieg li qatt ma kien. Irrizulta kif ftit wara z-zwieg inqata' kull kuntatt bejn il-partijiet meta l-konvenut spicca il-habs jiskonta sentenza. Ghallinqas din hi l-informazzjoni li l-attrici tghid li nghatat minn zewgha. Mid-deposizzjoni ta' l-attrici hu evidenti li qatt ma regghet hadet ahbar tal-konvenut, u l-ahhar taghrif li inghatat (bejn l-2002 u l-2003) kien li l-konvenut ma kienx ghadu l-habs. Madankollu ma nghatatx iktar taghrif u tilfet kull tracca tal-konvenut.

Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:-

1. Tiddikjara l-firda personali bejn il-kontendenti ghar-raguni li z-zwieg tkisser irrimedjabilment.
2. In forza ta' l-Artikolu 52 tal-Kodici Civili tapplika fil-konfront tal-partijiet is-sanzjonijiet kollha kontemplati mill-Artikolu 48 tal-Kodici Civili.
3. Tiddikjara terminata l-komunjoni ta' l-akkwisti u peress li ma jirrizultax li hemm gid x'jinqasam tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba' talba.

4. Tawtorizza lill-attrici sabiex tiehu lura l-kunjom li kellha qabel iz-zwieg ta’ C[1].

Spejjez jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Fic-certifikat ta’ zwieg, fil-kolonna Taghrif dwar il-Mara Mizzewga hemm dawn id-dettalji: **“A”**. Il-qorti m’ghandix dubju li meta l-attrici applikat ghall-pubblikazzjoni tat-tnidijiet skond l-Att dwar iz-Zwieg, iddikjarat l-istess kunjom. Ghalkemm l-attrici kienet iddivorzjat minn ma’ l-ewwel ragel (D), mic-certifikat tax-xoljiment taz-zwieg jirrizulta li zammet il-kunjom C. Irrizulta wkoll li regghet inghaqdet u qeghda tikkoabita ma’ D. Ghalkemm il-ligi tipprovdi li mal-firda personali l-mara ghandha dritt tiehu kunjom xbubitha, il-qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn l-attrici m’ghandix dritt tirriverti ghal kunjom li kellha qabel izzewwget lill-konvenut (cjoe’ C), mehud ukoll in konsiderazzjoni li mic-certifikat ta’ zwieg ma’ B jirrizulta li dak kien kunjomha qabel izzewwget lill-konvenut.